KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 18

**L-Erbgħa 30 ta’ Settembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 18.1 Qari tal-Apoloġiji

18.1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Fenech kien infurmaha li kien marid u għaldaqstant ma setax jattendi.

### 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 17

18.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

18.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 17 ġew approvati bla ebda emenda. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

### 18.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-parkegg miexi sewwa u meta jitlesta se jkun kapaċi jakkomoda mhux inqas minn 30 parkeġġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jdur iċ-ċnut tal-madwar ukoll.

18.3.2 Sadanittant informa li dwar il-proġett tal-pjazza kien qed jistenna li jkun hemm vot fil-baġit li jmiss tal-Ministeru tal-Infrastruttura. Min-naħa ta' Infrastructure Malta kienu infurmawh li wara li jitlesta l-proġett tal-parkeġġ tal-Knisja, kienu se jibdew ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq ir-Reġimenti Maltin. Min-naħa tiegħu kien se jibqa' wkoll jinsisti li jsir ix-xogħol fuq l-ghalqa ta' quddiem il-gym sabiex tinbidel f'parkeġġ.

18.3.3 Hawnhekk is-SE fakkret lis-Sindku biex jagħmel ukoll pressjoni dwar il-proġett ta' parkeġġ għal Triq Gregorio Carafa li dwaru l-Kunsill kien diġà qabel li għandu jsir.

18.3.4 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar ix-xogħlijiet tal-Interpretation Centre, is-SE infurmat li kien għadu għaddej il-proċess tal-permess min-naħa ta' TM biex issir it-trinka għall-cables tal–Enemalta.

18.3.5 Is-Sindku informa li fil-preżent kienet għaddejja diskussjoni dwar il-bżonn ta' kiri ta' vettura bejn il-Kunsilli kollha għas-servizz tal-Pulizija tal-Kommunità fuq id-distrett tagħna. Is-Sindku qal li l-ħsieb huwa li kull Kunsill joħorġ biss proporzjon skont il-baġit jew il-ħinijiet tas-servizz li qed jingħata għaliex mhux ġust li kull Kunsill joħroġ l-istess ammont. Il-Kunsill qabel anke fid-dawl li l-HQ qegħdin fl-Imtarfa u għaldaqstant il-vettura hija bżonnjuża l-aktar biex huma jagħtu s-servizz barra l-lokalità tagħna.

18.3.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal żewġ skemi, waħda għal skema dwar spazji miftuħa fejn kien hemm qbil li tiddaħħal applikazzjoni għall-proġett ta' Pjazza San Oswald u li timtela applikazzjoni oħra, dik tal-mobilità fejn is-SE għandha tara mal-Periti liema huwa proġett l-aktar fattibbli u vijabbli, jekk hux l-aċċessibbilità għall-bosk inkella aċċessbbilità aħjar bejn il-*barracks*.

## 18.4 Akkumulazzjoni ta' *vacation leave* għas-SE u l-APO

18.4.1 Is-SE infurmat li kemm minħabba l-Covid kif ukoll minħabba nuqqas kbir ta' impjegati, kemm hi kif ukoll l-APO spiċċaw ħadu numru żgħir ħafna ta' *vacation leave* matul is-sena 2020 u għaldaqstant kienu qed jitolbu li jmexxu numru ta' sigħat għas-sena ta' wara. Għalkemm kien hemm numru stipulat ta' sigħat li setgħu jwaddbu fuq is-sena 2021, il-Kunsill qabel unanimament li għalkemm kien hemm ammont massimu ta' VL li wieħed seta' jmexxi għsas-sena ta' wara, huwa minnu li dawn i-żewġ impjegati ma setgħux jużaw il-VL tagħhom u għaldaqstant it-tnejn li huma kienu se jitilfu bosta sigħat ta' VL intortament. Għaldaqstant kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi 136 siegħa filwaqt li l-APO se tmexxi 85 siegħa għas-sena 2021.

## 18.5 Estensjoni tal-offerta MTFLC/T/004/2019R (Kostruzzjoni tal-*Visitors Centre*)

18.5.1 Is-SE infurmat li minħabba li nqalgħet il-kwistjoni dwar il-bżonn li ssir trinka għall-*cables* tal-Enemalta biex jiġu devjati minn taħt il-*Visitors Centre*, ix-xogħol fuq it-tħaffir tal-Visitors Centre kien waqaf. Għaldaqstant il-kuntratt mal-kuntrattur Mario Sant għall-kostruzzjoni tal-VC kien wasal biex jiskadi mingħajr ma dan il-kuntrattur seta' jkompli u/jew ilesti x-xogħol tiegħu fil-ħin.

18.5.2 Kien hemm qbil li ladarba mhux it-tort tiegħu u li huwa m'għandux alternattiva ħlief li jieqaf sakemm isir ix-xogħol, il-Kunsill qabel li għandu jestendi dan il-kuntratt sal-31 ta' Diċembru 2020.

## 18.6 Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-Irrigazzjoni (MTFLC/T/002/2020)

18.6.1 Is-SE infurmat li sfortunatament ma setax isir il-proċess tal-evalwazzjoni minħabba li kien hemm 4 offerenti u kienu ntalbu jgħaddu xi kjarifika fuq l-offerti tagħhom. Għaldaqstant is-SE issuġġeriet li ssir laqgħa b'urġenza sabiex tiġi aġġudikata din l-offerta hekk kif issir l-evalwazzjoni, anke fid-dawl li d-*deadline* għat-tlestija tax-xogħlijiet kienet l-aħħar ta' Ottubru.

18.6.2 Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni wkoll li l-permess ta' Triq Sir Leslie Rundle ma kienx għadu nħareġ u għaldaqstant il-periti u l-enġiniera kienu qed jipproponu li sakemm ikollna l-permessi kollha f'idejna, is-sistema l-ġdida tal-pajpijiet tal-irrigazzjoni titqabbad mal-mejn tal-WSC jew bil-manka għall-*bowser* (iż-żewġ sistemi jintużaw biss mingħajr *sprinklers*). Fir-rigward tas-sistema tal-bosk, din ukoll kien għadu ma nħariġx il-permess tal-PA imma se nippruvaw inlestu l-pajpijiet tal-irrigazzjoni u mmexxu skont il-ħtieġa.

18.6.3 Il-Kunsill qabel li jerġa' jiltaqa' b'mod urġenti għall-aġġudikazzjoni tal-offerta.

## 18.7 Rapport mill-bord dwar l-intervisti għall-iskrivan/a ġdid/a

18.6.1 Is-SE preżentat rapport imħejji mill-bord tal-intervisti li kienu evalwaw lill-kandidati. Minn lista ta' madwar 60 persuna kienu bagħtu s-CV tagħhom 5 biss u minn dawn il-5 ikkonfermaw li se jattendu 2. Mit-2 intagħżlet il-kandidata li ġabet l-aktar punti fuq ir-rapport mehmuż.

18.6.2 Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għaldaqstant is-SE għandha tagħmel kuntatt mal-Jobsplus biex tinfurmahom kif ukoll mal-kandidata biex tibda xogħol mill-aktar fis possibbli.

## 18.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

18.7.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-festivals kollha proposti mir-Reġjun kienu ġew postposti għalkemm kien hemm possibbiltà li ssir xi attività b'mod virtwali.

18.7.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun kien applika għal electric van biex jintuża on demand madwar il-lokalitajiet tar-Reġjun fuq l-iskema tal-Mobility tad-DLG. Kien hemm ukoll proosta oħra biex il-websajt tkun aktar *user-friendly*.

18.7.3 Hija infurmat ukoll li r-Reġjun kien wasal għal kompromess mal-kumpanija Toad u minflok jitilghu l-qorti l-kwistjoni kienet se tingħalaq b'mod amikevoli.

## 18.8 Punti Oħra

18.8.1 Is-SE infurmat li kienet ħadet ħsieb iddaħħal applikazzjoni dwar l-iskema tal-mobilità għal vann tal-komunità (skema ta' TM).

18.8.2 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' kommunikazzjoni lill-Kunsilliera kollha fir-rigward tat-talba tagħhom għal rampa fl-entratura ta' Binja Buqana C. Hija infurmat li skont id-dettall tal-periti, hemm bżonn ta' 15-il metru rampa li m'hemmx spazju għaliha. Hawnhekk il-Viċi Sindku informa li kien tkellem mal-Perit tal-Awtorità għaliex kien hemm possibbiltà li minflok

18.8.2 planter dejqa u twila li hemm mar-rampa tal-garaxx u li possibbilment setgħet tintuża għal dan l-iskop.

18.8.3 Is-SE infurmat li kienet għaddiet ukoll kopja tar-risposta mill-MCA fir-rigwrd ta' antenna tal-Melita li hemm fi Triq Dar il-Kaptan.

18.8.4 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tas-SE li ħdejn l-eks sptar xi ħadd kien seraq il-landa tal-iskart kif ukoll dik ta' Triq Antonio Ellul.

18.8.5 Is-SE infurmat li nhar is-Sibt 19 ta' Settembru fis-2am, kienu nsterqu l-*jigger* u l-*generator* tal-Kunsill mill-*container* fi Triq San Alessi. Min-naħa tal-amministrazzjoni għaddew il-filmat lill-pulizija biex forsi tinqabad il-persuna li għamel is-serqa. Dan ittella' wkoll fuq *facebook* minħabba li ma jintagħrafx u l-vettura għandha n-numri tar-reġistrazzjoni mgħottija. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba lill-HA għal spazju vojt li kien hemm fi Triq Dar il-Kaptan biex jiġi konvertit fi *store* għall-Kunsill.

18.8.6 Hawnhekk is-SE infurmat li l-Kappillan kien ġibdilha l-attenzjoni li għandu problema b'xi umdità fil-Kappella u li qed jibża' li qed joskula xi ilma minn fuq. Fuq parir tal-periti tal-Kunsill u tal-Kurja kienu qed jissuġġerixxu li jinkixef il-madum biex nindividwaw jekk hemmx ħsara. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant is-SE se tikkoordina dawn ix-xogħlijiet.

18.8.7 Il-Community Policing kienu qed jitolbu li ssir CCTV fuq id-*drop off point* ta' Binja Santa Luċija minħabba abbużi li qed ikun hemm. Kien hemm ukoll diskussjoni biex jibdew jaraw il-filmati huma. Is-SE iddiskutiet din il-kwistjoni mad-DPO u dan infurmaha li hemm bżonn ta' ftehim iffirmat bejn iż-żewġ partijiet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

18.8.8 Is-SE infurmat li l-iskrivana Annalise Mallia kien għad kif kellha tarbija. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jintbagħat bukkett fjuri f'isem il-Kunsill kollu.

18.8.9 Fuq talba tas-SE, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġedded il-polza tal-assikurazzjoni tiegħu.

18.8.10 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li skont l-aħħar kommunikazzjoni li kellha mal-kuntrattur, l-arbli tad-dawl ta' Ġnien is-Sinjura kienu waslu biex jaslu Malta u għaldaqstant ix-xogħol fuq l-elettriku u l-qlugħ u t-twaħħil tal-arbli l-ġodda kien appikk li jibda. Sadanittant is-Sindku talab lis-SE sabiex tinstab soluzzjoni dwar it-twaġġil tal-*gym equipment*.

18.8.11 Fuq il-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li hi, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Fenech kienu ltaqgħu mal-kuntrattur kif kien pjanat. Fir-rigward taż-żona tal-housing estate il-Viċi Sindku mar mal-ħaddiema tal-Kunsill biex naraw dwar possibbiltà li jiġi mgħoddi wire biex it-tiżjin jinfirex aktar. Wara deliberazzjoni kien hemm qbil li għandu jinħareġ *point* tal-elettriku fuq Triq Sir Philip Pullicino minn Ġnien is-Sinjura.

18.8.12 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir struttura tal-injam madwar il-palma ta' ħdejn Binja Ġebel Dwejra.

18.8.13 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li kien għadu għaddej ix-xogħol fil-bosk. Fuq ġewwa tal-belveder hija infurmat li kienu saru tliet ħofriet kbar biex jinkixef il-blat. Hija ġiet mitluba tiġri wara l-periti biex issir il-BOQ għall-kumplament tax-xogħol.

18.8.14 Fir-rigward tal-Bandli, is-Sindku informa li kien sar ħafna xogħol ta' manutenzjoni mill-Ministeru tal-Infrastruttura u kien fadal biss li jitwaħħal railing ġdid mad-dawra kif ukoll bibien ġodda. Huwa talab lis-SE tara x'fadal aktar li għadu ma sarx u tgħaddi rapport lill-Ministeru.

18.8.15 Fuq talba tal-Kunsilliera Sammut Dimech kien hemm qbil li għandhom isiru pots/u-bends fuq il-bankina fi Triq Gregorio Carafa minħabba li kien għad hemm il-problema tal-parkeġġ fuq il-bankina.

18.8.16 Saret diskussjoni dwar problema ta' parkeġġ bejn il-planters ta' Triq il-Ġiżimini. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba lil TM għal un/loading bay komuni f'din iż-żona.

## 18.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

18.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 9), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Christianne Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 18.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

18.10.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020 fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |